

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fis-7 ta' Marzu 2023 – Somateio “Elliniko Symvoulio gia tous Prosfyges”, Astiki Mi Kerdoskopiki Etaireia “Ypostirixi Prosfygon sto Aigaio” vs Ypourgos Exoterikon, Ypourgos Metanastefsis kai Asyrou

(Kawża C-134/23, Elliniko Symvoulio gia tous Prosfyges)

(2023/C 189/25)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Somateio “Elliniko Symvoulio gia tous Prosfyges”, Astiki Mi Kerdoskopiki Etaireia “Ypostirixi Prosfygon sto Aigaio”

Konvenuti: Ypourgos Exoterikon, Ypourgos Metanastefsis kai Asyrou

Domandi preliminari

L-Artikolu 38 tad-Direttiva 2013/32/UE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), moqri flimkien mal-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li

1) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (ta' natura regolamentari) li tindika bħala ġeneralment bla perikolu għal kategoriji speċifiċi ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali pajjiż terz li, minkejja li assumu l-obbligu legali li jippermetti li tali kategoriji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jitħallew jidħlu lura fit-territorju rispettiv tiegħu, effettivament jirrifjuta għal perijodu twil (f'dan il-każ, iktar minn għoxrin xahar) id-dħul lura, mingħajr ma jirriżulta li ġiet eżaminata l-possibbiltà li tali pajjiż jibdel il-pożizzjoni tiegħu fil-futur qarib?

jew fis-sens li

2) id-dħul lura fil-pajjiż terz ma jikkostitwixxi kundizzjoni kumulattiva għall-adozzjoni ta' att nazzjonali (ta' natura regolamentari) li jindika pajjiż terz bħala ġeneralment bla perikolu għal kategoriji speċifiċi ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, iżda jikkostitwixxi kundizzjoni kumulattiva għall-adozzjoni ta' att individwali li jirrifjuta applikazzjoni speċifika għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli minħabba li jeżisti “pajjiż terz bla perikolu”?

jew fis-sens li

3) id-dħul lura fil-“pajjiż terz bla perikolu” hija kwistjoni li għandha tiġi vverifikata biss fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, meta d-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ibbażata fuq il-motiv ta' “pajjiż terz bla perikolu”?

⁽¹⁾ (ĠU 2013, L 180, p. 60).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-13 ta' Marzu 2023 – Ford Italia SpA vs ZP, Stracciarri SpA

(Kawża C-157/23, Ford Italia)

(2023/C 189/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ford Italia SpA

Konvenuti: ZP, Stracciarri SpA